MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2010

Talba Numru. 544/2010

**Go Plc (C-22334)**
**Vs**
**Behag Nasser (K.I. 293392M)**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba tas-socjeta’ attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ sebgha’ mija u erbgha u hamsin ewro u sitta u tmenin centezmi (€754.86) rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenut lil Go Plc in konnessjoni mas-servizzi ta’ kommunikazzjoni bin-numru 2158 1359 skont diversi kontijiet mibghuta lilu u skont kif jirrizulta mid-dokument anness mat-talba mmarkat Dok A.

Illi l-konvenut nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u imghaxijiet mid-data ta’ l-ahhar pagament u cioe’ mit-13 ta’ Gunju, 2008 kontra l-konvenut li minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa’ ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notfikat.

Ra li l-konvenut naqas li jidher ghas-seduta tal-lum.

Illi gie pprezentat kapitolu quddiem it-Tribunal fis-seduta tat-28 ta’ Gunju, 2010 mill-Prokuratur Legali Noel Scerri.

It-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova il-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------